

Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10349/26

GLOBAL GATEWAY 40	ECOFIN 798
COASI 103	FIN 842
COEST 457	CCG 23
COAFR 177	TRANS 400
MED 29	ENER 381
MAMA 142	ENV 697
COLAC 85	DEVGEN 98
COWEB 85	DIGIT 158
COMPET 745	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 15 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway, approvati mill-Kunsill fl-4182 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Ġunju 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway

A. Preambolu/Kuntest

1. Il-Global Gateway hija l-istrateġija ta' investiment dinjija tal-Unjoni Ewropea biex timmobilizza r-riżorsi pubbliċi u privati u b'hekk tnaqqas id-distakk fl-investiment globali fis-setturi diġitali, tal-klima u tal-enerġija, tat-trasport, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Ibbażata fuq valuri u standards għoljin Ewropej, hija tappoġġa sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi sħab u ssaħħaħ ir-rwol ġeopolitiku tal-Unjoni billi twettaq, permezz ta' Tim Ewropa u approċċ komprensiv ta' 360 grad, investimenti ta' kwalità għolja, fdati, siguri u sostenibbli li jikkombinaw l-infrastruttura, il-konnettività, l-oqfsa abilitanti u l-kooperazzjoni politika. Għandha l-għan li tappoġġa l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u r-reżiljenza, inkluż l-inklużjoni soċjali, it-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp tal-ħiliet, filwaqt li tavanza l-interessi strateġiċi tal-Unjoni.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li, f'kuntest ikkaratterizzat minn sfidi ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi li qed jikbru u minn pressjoni akbar fuq il-governanza demokratika, l-ambjent globali u s-sigurtà ekonomika, il-Global Gateway hija parti minn offerta pożittiva u komprensiva tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għal kooperazzjoni strateġika ma' pajjiżi sħab. Din l-offerta tlaqqa' flimkien il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politika ekonomika u barranija, il-kummerċ u l-investiment, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali kondiviżi, jiġu appoġġati l-iżvilupp sostenibbli, ir-reżiljenza u l-iżvilupp tal-bniedem, u jingħata kontribut għat-tiżni tal-awtonomija strateġika, il-kompetittività u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, f'ekonomija miftuħa, permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku.

3. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-istrateġija Global Gateway saret parti integrali mill-azzjoni esterna tal-Unjoni, wara li espandiet b'mod sinifikanti fl-ambitu operazzjonali u l-viżibbiltà u mmobilizzat riżorsi sostanzjali. Hija tappoġġa l-impenn tal-UE ma' pajjiżi sħab, bħala parti mis-sett usa' ta' strumenti ta' azzjoni esterna, flimkien ma' azzjonijiet oħra ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jikkontribwixxu għall-Għajnuna Uffiċjali tal-UE għall-Iżvilupp. Filwaqt li jfakkar fir-rwol tiegħu li jistabbilixxi politika, il-Kunsill biġsieu jipprova direzzjoni politika ċara għall-evoluzzjoni futura tal-istrateġija hekk kif tidħol fil-fażi li jmiss tagħha. L-azzjonijiet tal-UE għandhom jappoġġaw il-komplementarjetà u l-koerenza fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, fosthom, fejn rilevanti, il-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni (PESK).
4. Il-Kunsill ifakkar li l-istrateġija Global Gateway hija bbażata fuq valuri demokratiċi u standards għoljin, inkluż il-governanza tajba u t-trasparenza, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sostenibbiltà ambjentali u dik soċjali. Jissottolinja wkoll li l-Global Gateway hija implimentata permezz ta' sħubijiet ugwali u ta' benefiċċju reċiproku xprunati mill-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u li jirriflettu l-interessi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tagħha, li bħala reġjuni sħab tal-UE, huma parti integrali mill-UE, u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-UE. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkonsolidat u jidied il-progress sabiex jinkisbu eżiti b'impatt għoli, trasformattivi, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab tagħha.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi ġeoekonomiċi li qed jiffaċċaw l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab, inkluż il-vulnerabbiltajiet fil-ktajjen tal-provvista u l-aċċess għal materja prima kritika u inputs strateġiċi oħra, u jissottolinja l-importanza tal-inizjattivi tal-Global Gateway li javvanzaw il-prijoritajiet ġeopolitiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxu għal ambjent sigur u stabbli għall-investimenti. Fl-istess ħin, tali investimenti għandhom joħolqu opportunitajiet għall-kumpaniji Ewropej, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti tal-SMEs, u jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-pajjiżi sħab, inkluż billi jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista. Il-Kunsill jissottolinja wkoll li l-Global Gateway għandha tibqa', allinjata bis-sħiħ mal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u mal-impenji globali, inkluż l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming–Montreal u l-Impenn ta' Sevilja dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp.

B. Viżjoni u Obiettivi Strateġiċi

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jitrawmu sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li jikkontribwixxu kemm għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għar-reżiljenza tal-pajjiżi sħab, inkluż f'kundestji fraġli u tal-pajjiżi l-anqas żviluppanti, kif ukoll għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Huwa jissottolinja li l-Global Gateway għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ komprensiv ta' 360 grad, li jikkombina l-infrastruttura trasformattiva ma' riformi għall-ħolqien ta' ambjenti abilitanti, inkluż oqfsa regolatorji, żvilupp tal-ħiliet u tiżni istituzzjonali, sabiex jiġu massimizzati l-impatt tal-iżvilupp fit-tul, ir-reżiljenza, il-koeżjoni soċjali u l-viżibbiltà. Il-Kunsill jenfasizza li l-Global Gateway tista' tiġi applikata fil-pajjiżi sħab kollha, filwaqt li jinnota li, f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità, għandha tikkomplementa b'mod xieraq approċċi u għodod iddedikati oħra. Meta joperaw f'ambjenti fraġli, l-azzjonijiet tal-Global Gateway għandhom jitfasslu skont il-kundest u jkunu bbażati fuq approċċi infurmati dwar ir-riskju u sensitivi għall-kunflitti f'konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara".

7. Il-Kunsill jenfasizza li l-investimenti tal-Global Gateway jiffukaw fuq is-setturi prijoritarji tagħha, b'enfasi fuq fejn l-Unjoni għandha vantaġġi komparattivi u d-domanda tas-sħab hija b'saħħitha, b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali u l-konnettività sigura u affidabbli, l-enerġija rinnovabbli, il-kurituri tat-trasport u s-sistemi tas-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab dwar il-materja prima kritika fuq bażi ta' benefiċċju reċiproku, filwaqt li jippromwovi l-valur lokali u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, is-sostenibbiltà u l-iżvilupp lokali inklużiv, il-ktajjen tal-provvista siguri u sostenibbli tal-UE, u l-oġġla standards ambjentali u soċjali. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni f'setturi b'impatt ta' benefiċċju fuq l-iżvilupp, pereżempju l-agrikoltura, l-ilma u s-sanità.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-aproċċ ta' Tim Ewropa, bħala s-sinsla tat-twettiq tal-Global Gateway. Jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali tad-Delegazzjonijiet tal-UE, l-Ambaxxati tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni mal-bliet kapitali fit-tmexxija tad-djalogu politiku u ta' politika kif ukoll fil-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali matul iċ-ċiklu tal-proġett, filwaqt li jiżgura li l-implimentazzjoni tal-Global Gateway titwettaq b'rispett sħiħ tas-sjieda tal-pajjiżi sħab u li tkun ibbażata fuq sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u ekwi. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi opzjonijiet biex tissimplifika l-identifikazzjoni ta' proġetti ewlenin tal-Global Gateway, b'rispett sħiħ għall-formati u l-proċeduri stabbiliti.

C. Governanza u Koerenza

9. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol ewlieni tiegħu fl-istabbiliment tal-prijoritajiet ta' politika tal-Global Gateway f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u fl-iżgurar tal-konsistenza u l-effettività tagħhom. Abbażi tad-direzzjoni politika u strateġika ġenerali stabbilita mill-Kunsill Ewropew, il-Kunsill ser jipprovdi gwida politika dwar il-prijoritajiet tematiċi u ġeografiċi tal-Global Gateway u dwar l-integrazzjoni tagħha fl-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-involviment bikri, sistematiku u sinifikanti tal-Istati Membri matul l-ippjanar, l-għażla u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-Global Gateway, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet strutturati.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-Bord tal-Global Gateway fl-għoti ta' gwida strateġika u analiżi tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway, b'appoġġ għall-orjentazzjonijiet politiċi stabbiliti mill-Kunsill, u fis-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tlaqqa' l-Bord mill-inqas darba fis-sena, kull meta jkun possibbli eżatt wara l-Kunsill Affarijiet Barranin fil-kompożizzjoni rilevanti tiegħu, u tiżgura t-tnejnija f'waqtha u sostantiva tal-laqgħat u l-aġendi tiegħu fil-korp preparatorju xieraq tal-Kunsill. L-aġendi tal-laqgħat tal-Bord għandhom jiffukaw fuq kwistjonijiet ta' rilevanza politika ċara u jippermettu diskussjonijiet strateġiċi, inkluż dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija, bejn il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Istati Membri.

11. Il-Kunsill jinnota li l-arranġamenti attwali ta' governanza jistgħu jiġu rieżaminati fid-dawl tal-governanza ta' kwalunkwe strument futur ta' azzjoni esterna tal-UE.
12. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u l-kooperazzjoni effettiva fl-istrutturi kollha ta' governanza tal-Global Gateway. Huwa jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tiżgura involviment aktar mill-qrib, regolari u effettiv tal-Kunsill u l-Istati Membri fil-ħidma tal-Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju (BAG) u l-Pjattaforma Konsultattiva tas-Soċjeta Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali (il-Pjattaforma CSO/LA). Il-Kunsill jappella wkoll għal artikolazzjoni ċara tar-rwoli tal-BAG u l-Pjattaforma CSO/LA, u tar-relazzjoni tagħhom mal-Bord tal-Global Gateway u l-Istati Membri.
13. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrapportaw regolarment dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Global Gateway, bi trasparenza sħiħa dwar il-finanzjament mobilizzat, inkluż il-kontribut għall-objettivi u l-interessi tal-politika tal-UE, u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Global Gateway. Tali rapporti għandhom jiġu standardizzati u jorjentaw id-diskussjonijiet tal-Bord tal-Global Gateway. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tar-rapportar finanzjarju tal-Global Gateway mill-atturi kollha ta' Tim Ewropa b'mod f'waqtu, ċar, trasparenti u strutturat.
14. Il-Kunsill iħeġġeġ l-involviment koerenti tal-istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp, il-banek pubbliċi tal-iżvilupp, l-atturi tas-settur privat, l-aġenziji ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni u l-aġenziji ta' implimentazzjoni taħt l-approċċ ta' Tim Ewropa u Tim Nazzjonali, filwaqt li jiżgura l-ftuħ, in-nondiskriminazzjoni u l-imġiba responsabbli fin-negozju.

15. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' approċċ sħiħ tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti tal-istrategġija Global Gateway fis-servizzi kollha tagħha u permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment u t-tiżiħ kontinwi tal-istrutturi ta' koordinazzjoni tat-"Tim Nazzjonali" tal-Istati Membri f'approċċ ta' gvern sħiħ, li jlaqqgħu flimkien atturi differenti tal-Istati Membri, inkluż fl-oqsma tal-affarijiet barranin, l-iżvilupp, il-finanzi, il-kummerċ u s-settur privat, u jorbtohom b'mod sistematiku mal-approċċ ta' Tim Ewropa u t-twettiq tal-Global Gateway.

D. Sjieda Lokali u Sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku

16. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sjieda lokali u l-allinjament mal-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab, inkluż il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll l-involvement sinifikanti bikri u kontinwu mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali matul iċ-ċiklu tal-proġett. Il-konsultazzjoni ma' atturi bħal dawn tista' timmitiga r-riskji u tagħti spinta lis-sostenibbiltà tal-proġett tal-Global Gateway. Il-kurituri tal-Global Gateway għandhom ikunu mmexxija mill-pajjiż u mir-reġjun, infurmati minn analiżi ekonomika politika u minn konsultazzjoni fil-livelli nazzjonali u transfruntiera, u għandhom jappoġġaw strategġiji reġjonali u kurituri transreġjonali biex jissaħħu l-konverġenza tal-politika, is-sostenibbiltà u l-integrazzjoni reġjonali.
17. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal ambjenti abilitanti, għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, għat-tiżiħ tal-kapaċitajiet regulatorji, istituzzjonali u tekniċi lokali kif ukoll għar-rispett għall-istat tad-dritt u l-governanza tajba, inkluż it-trasparenza u r-responsabbiltà, matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà, il-ħolqien tal-valur lokali u l-impatt dejjiemi fuq l-iżvilupp. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp lokali tal-ħiliet u t-taħriġ tar-riżorsi umani, inkluż għall-kapaċità ta' manutenzjoni.

18. Il-Kunsill ifakkar fil-prinċipji ta' Busan dwar l-effettività tal-iżvilupp tas-sjieda, li jiffokaw fuq ir-riżultati u l-allinjament, it-trasparenza, ir-responsabbiltà reċiproka u s-sħubijiet inklużivi, u jissottolinja l-applikazzjoni tagħhom fil-Global Gateway. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-Global Gateway fl-impenn tiegħu għal finanzjament responsabbli u trasparenti, li jipprovdi offerta sostenibbli li tiżgura vijabbiltà fit-tul u tissalvagwarda lis-sħab kontra l-vulnerabbiltajiet tad-dejn.

E. L-involviment tas-Settur Privat u l-Parteċipazzjoni tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs)

19. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ċentrali tas-settur privat, inkluż l-SMEs mill-Istati Membri u s-sħab, fit-twettiq tal-Global Gateway, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni tal-kapital privat, l-għarfien espert tekniku u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' għodod, metodi u salvagwardji adatti biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva tal-kumpaniji matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett biex jiġi ffaċilitat l-involviment tas-settur privat.

20. Il-Kunsill jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni taċ-Ċentru ta' Investiment tal-Global Gateway u l-inizjattivi rilevanti ta' involviment tas-settur privat fiż-żoni ġeografiċi kollha, bħala punti ta' dħul u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni prevedibbli għas-settur privat tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u l-istandards komuni għall-atturi tas-settur privat u jappella lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ il-koordinazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi biex jinvolve lis-settur privat fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway u jiċċaraw il-benefiċċji finanzjarji u mhux finanzjarji konkreti li jipprovdu.

21. Il-Kunsill jappella għal aċċess imtejjeb għall-SMEs tal-UE għall-oppportunitajiet ta' investiment tal-Global Gateway permezz ta' involviment bikri u informazzjoni aċċessibbli u f'waqtha dwar proġetti u akkwist, inkluż permezz ta' pubblikazzjoni regolari u f'waqtha tal-oppportunitajiet futuri permezz ta' Ċentru ta' Investiment tal-Global Gateway u d-Delegazzjonijiet tal-UE. Dan għandu japplika wkoll għall-inizjattivi rilevanti l-oħra ta' involviment tas-settur privat fiż-żoni ġeografiċi kollha koperti mill-Istrateġija Global Gateway. Il-Kunsill jappella wkoll għal tnaqqis fl-ostakli amministrattivi u finanzjarji, tħejjija bikrija u mmirata tal-proġetti, kif ukoll miżuri ta' tlaqqiġ u għodod xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskju biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs tal-UE.
22. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li s-sħab ta' implimentazzjoni li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-UE għal involviment estern isaħħu l-politiki u l-prattiki strateġiċi tal-akkwist li jrawmu kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn il-kumpaniji tal-UE jiffaċċjaw aċċess limitat għas-swieq esterni, b'mod partikolari permezz tal-użu effettiv tal-istandards u b'rispett sħiħ tar-regoli kummerċjali internazzjonali rilevanti u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardata l-kompetizzjoni ġusta fl-investimenti tal-Global Gateway billi jiġu indirizzati d-distorsjonijiet tas-suq u jiġi żgurat li l-proċessi tal-akkwist ma jiġux imminati miċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli internazzjonali jew il-preżentazzjoni ta' offerti strutturalment sussidjati, inkluż, fejn meħtieġ, permezz ta' miżuri mmirati u bbażati fuq ir-riskju f'setturi strateġiċi f'konformità mal-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' entitajiet tas-settur privat mill-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati,

kull meta jkun possibbli, inkluż permezz tal-użu usa' ta' kriterji klassifikati li jiffukaw fuq il-valur, il-kwalità, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza, u l-promozzjoni tal-applikazzjoni ta' standards għoljin mill-atturi kollha tal-implimentazzjoni. Dawn il-prattiki jridu jissalvagwardjaw ukoll is-sigurtà ekonomika, itejbu l-ħolqien tal-valur lokali u l-opportunitajiet ta' impjeg fil-pajjiżi sħab, kif ukoll isaħħu l-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE f'ekonomija miftuħa, u jnaqqsu wkoll id-dipendenzi ta' riskju għoli f'setturi kritiċi.

23. Il-Kunsill jissottolinja li l-investimenti fl-infrastruttura tal-Global Gateway għandhom jadottaw l-oġhla standards soċjali, ambjentali u tax-xogħol li huma konformi mal-valuri tal-UE u li jseħħu b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali.

F. Multilateraliżmu Effettiv

24. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jirrispetta l-Karta tan-NU, l-Aġenda 2030 u jissottolinja l-importanza li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fil-progress tagħhom lejn l-SDGs, inkluż l-involviment tiegħu fil-pajjiżi l-inqas żviluppati u f'kundestji fraġli. Jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn sod tal-Unjoni għal multilateraliżmu effettiv bħala ambjent abilitanti kruċjali għall-iżvilupp internazzjonali u għall-implimentazzjoni tal-Global Gateway u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tagħha. Huwa jinkoraġġixxi kooperazzjoni mill-qrib mas-sistema tan-NU, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek tal-iżvilupp reġjonali, sħab tal-istess fehma u atturi rilevanti oħra tal-iżvilupp.

25. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li ssir ħidma mal-OECD, il-G7 u l-G20 biex jiġu promossi standards għoljin dwar it-trasparenza, l-istat tad-dritt, is-sostenibbiltà tad-dejn u s-salvagwardji ambjentali u soċjali, kif ukoll biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jiġu evitati offerti ta' investiment fl-infrastruttura frammentati jew duplikati mill-UE, l-Istati Membri tagħha, u sħab tal-istess fehma.
26. Il-Kunsill jissottolinja li l-Global Gateway għandha tikkontribwixxi għall-beni pubbliċi globali u reġjonali u tibqa' allinjata mal-impenji globali dwar il-finanzjament għall-iżvilupp, it-trasparenza, is-sostenibbiltà u l-ġestjoni tad-dejn, b'mod partikolari f'konformità mal-Impenn ta' Sevilja dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp.

G. Użu Strateġiku tal-Istrumenti Finanzjarji, il-Kompetittività u s-Sigurtà Ekonomika tal-UE

27. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-istrumenti finanzjarji bħall-garanziji u t-taħlit tal-mobilizzazzjoni ta' investimenti sostenibbli għal proġetti tal-Global Gateway, u jissottolinja l-użu koerenti tas-sett sħiħ ta' għodod tal-UE, inkluż il-kooperazzjoni teknika, biex titwassal offerta kompetittiva u prevedibbli allinjata mal-prijoritajiet tas-sħab u l-interessi strateġiċi tal-UE.
28. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal sinerġiji u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament esterni u interni, inkluż biex tiġi appoġġata l-kompetittività tal-UE, filwaqt li tiġi ssalvagwardata l-integralità tal-operazzjonijiet eliġibbli tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u jiġi żgurat l-użu trasparenti tal-ODA u riżorsi oħra. Huwa jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u r-responsabbiltà fl-użu tal-istrumenti finanzjarji.

29. Il-Kunsill iħeġġeġ koordinazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni, l-Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) u l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs), fejn xieraq u konsistenti mar-regoli internazzjonali, biex jiġu appoġġati setturi u proġetti strateġiċi, ktajjen tal-valur reżiljenti u diversifikati u infrastruttura sigura, filwaqt li jinżammu standards ambjentali u soċjali għoljin.
30. Il-Kunsill jissottolinja li t-tiżi tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni għandu jiddependi fuq sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li jirrispettaw is-sjeda tal-pajjiżi sħab u l-interessi tal-UE. Il-Global Gateway għandha tiġi implimentata b'mod strateġiku li jiżgura koerenza mal-politiki tal-UE, isaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni, isaħħaħ il-kapaċità ta' twassil, inaqas id-dipendenzi ta' riskju għoli, jissalvagwarda s-setturi u l-infrastruttura kritiċi, u jappoġġa l-forniment ta' offerti ta' kwalità għolja u affidabbli fil-pajjiżi sħab b'mod konsistenti mal-interessi strateġiċi u l-qafas legali tal-Unjoni.
31. Il-Kunsill jilqa' l-appoġġ finanzjarju mmirat tal-UE biex jiġu ingranati l-operazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u tas-settur privat b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Global Gateway. L-Istati Membri kollha, anke dawk mingħajr ECAs u/jew DFIs, għandu jkollhom aċċess għall-finanzjament rispettiv fil-livell tal-UE sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-Global Gateway. Il-Kunsill jappoġġa wkoll l-isforzi għal għodod ġodda ta' finanzjament u garanzija fil-livell tal-UE li jkunu newtrali għall-baġit biex jappoġġaw l-operazzjonijiet tal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-UE li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Global Gateway u l-koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji tal-UE. Dawn is-soluzzjonijiet għandhom ikunu sempliċi u mfassla speċifikament biex jappoġġaw l-ECAs tal-UE, filwaqt li jiżguraw addizzjonalità u komplementarjetà għas-sistemi nazzjonali eżistenti, u li l-Istati Membri kollha u n-negozji tagħhom, inkluż l-SMEs, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-Global Gateway.

H. Komunikazzjoni Strateġika

32. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' komunikazzjoni ċara, konsistenti, ibbażata fuq il-fatti, trasparenti u koordinata mill-atturi kollha ta' Tim Ewropa li għandha tiġi implimentata fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab kollha, kif ukoll fl-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward ta' missjonijiet, summits u stadji importanti ewlenin, biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-Global Gateway, tiġi evitata u miġġielda d-diżinformazzjoni potenzjali dwar il-Global Gateway u jiġi kkonsolidat ir-rikonoxximent tagħha bħala marka fdata bl-oġġettiv aħħari li jissaħħu r-rikonoxximent u l-kredibbiltà tal-UE. Jenfasizza wkoll l-importanza li l-udjenzi jiġu involuti b'mod effettiv fil-pajjiżi sħab permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni mmirati biex tiġi massimizzata l-viżibbiltà tal-Global Gateway.
33. Il-Kunsill jenfasizza li l-komunikazzjoni dwar il-Global Gateway għandha twassal narrattiva koerenti, ibbażata fuq linji gwida dwar il-branding, li tirrifletti r-rwol tagħha fl-avvanz tal-azzjoni esterna usa' u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, kif ukoll il-kontribut tagħha għall-prosperità kondiviża, il-konnettività mtejba u l-iżvilupp sostenibbli. Jappella wkoll għal approċċ iċċentrat fuq is-sħab iffukat fuq riżultati konkreti u benefiċċji reċiproċi, imfassal għall-kuntesti reġjonali u nazzjonali, kif ukoll udjenzi mmirati.
34. Il-Kunsill ihegġegħ sforzi ta' komunikazzjoni konġunti msaħħa dwar il-Global Gateway, ikkoordinati mid-Delegazzjonijiet tal-UE, inkluż abbażi ta' materjal ta' komunikazzjoni kondiviż, u mwettqa b'mod konġunt mal-Istati Membri biex tiġi ottimizzata s-sensibilizzazzjoni. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jintegraw il-Global Gateway fis-sensibilizzazzjoni rispettiva tagħhom, filwaqt li jiżguraw messaġġi konsistenti iżda differenzjati.

I. Sinerġiji Trażversali

35. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jiġu żgurati sinerġiji u koerenza bejn l-azzjoni esterna tal-UE u l-politiki interni rilevanti fil-kompetittività, il-kummerċ, il-qasam diġitali, il-klima u l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka, filwaqt li jiġu ppreservati mandati distinti u jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni.
36. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni tal-prijoritajiet orizzontali, jiġifieri, is-sostenibbiltà klimatika u ambjentali, it-tnaqqis tal-faqar, l-agrikoltura u n-nutrizzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u x-xogħol deċenti, l-inklużjoni diġitali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali fid-disinn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, u jħeġġeġ skambji strutturati ta' esperjenza fir-reġjuni u s-setturi kollha biex jiġu replikati mudelli ta' suċċess.
37. Il-Kunsill iħeġġeġ allinjament aktar b'saħħtu bejn l-investimenti tal-Global Gateway u l-istrumenti tal-politika kummerċjali u industrijali tal-Unjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-aċċess għas-suq, il-faċilitazzjoni tal-investment, il-konverġenza regolatorja, u l-integrazzjoni sostenibbli tal-katina tal-provvista biex jiġu massimizzati l-iżvilupp u l-impatt ekonomiku tal-proġetti tal-Global Gateway.

J. It-Triq 'il Quddiem

38. Il-Kunsill jibqa' impenjat li javvanza l-Global Gateway bħala element ewlieni tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari f'kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat minn żieda fil-frammentazzjoni, l-instabbiltà u l-kompetizzjoni.

39. Il-Kunsill jappella għal dialogu strutturat kontinwu mal-pajjiżi sħab u l-atturi rilevanti kollha f'kull livell, dwar il-prijoritajiet, it-twettiq u l-implimentazzjoni tal-Global Gateway. Jistenna b'interess li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar it-titjib tal-istruttura ta' governanza, inkluż ir-rwoli u l-interazzjoni bejn l-elementi differenti tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika.
40. Il-Kunsill iħeġġeġ arranġamenti ta' governanza u twettiq li jiżguraw tmexxija politika u strateġika mill-Kunsill, koordinazzjoni effettiva u skambji f'waqthom fil-Bord tal-Global Gateway. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' kriterji ċari u trasparenti għall-għażla tal-proġetti, rappurtar regolari u aktar uniformi, enfasi msaħħa fuq it-tnejn tal-proġetti u l-implimentazzjoni f'waqtha, u l-monitoraġġ tal-istadji importanti u l-impatt.
41. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni twettaq rendikont regolari tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway abbażi tar-rappurtar ipprovdut mill-membri kollha ta' Tim Ewropa, biex tipprovdi gwida għall-investment u l-politika għall-implimentazzjoni tal-Global Gateway fir-reġjuni rilevanti. Tali rendikonti għandhom jipprovdu ħarsa ġenerali ċara lejn il-finanzjament impenjat, l-investimenti mobilizzati, l-isforzi ta' komunikazzjoni, kif ukoll it-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, inkluż minn proġetti ewlenin, u għandhom jiġu ppreżentati qabel il-laqgħat tal-Bord tal-Global Gateway. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li ssir riflessjoni dwar il-progress u t-titjib potenzjali fit-twettiq tal-istrateġija tal-Global Gateway. Il-Kunsill jappella wkoll għal metodoloġija trasparenti biex jiġu vvalutati l-eżiti tal-iżvilupp, ir-riżorsi mobilizzati u l-kontribuzzjonijiet għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni.